

Ir-rikorrenti ssostni li l-Bord tal-Appell tal-konvenuta wettaq żball ta' liġi kif ukoll wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni meta naqas milli jagħmel distinzjoni, minn naħa waħda, bejn il-kundizzjonijiet li taħthom għandhom jitwettqu t-testijiet sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza jew, inkella, trasformazzjoni u/jew prodotti ta' degradazzjoni ta' sustanza u, min-naħa l-oħra, il-kundizzjonijiet li taħthom għandha titwettaq evalwazzjoni tal-proprjetajiet persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi jew proprjetajiet persistenti ħafna u bijoakkumulattivi ħafna ta' kwalunkwe trasformazzjoni u/jew prodott ta' degradazzjoni. Bħala riżultat, ir-rikorrenti ssostni li l-Bord tal-Appell tal-konvenuta kien wettaq żball meta kkonkluda li l-istudju OECD TG 308 mitlub mingħand ir-rikorrenti kien neċessarju.

2. It-tieni motiv fejn qed jiġi allegat li l-Bord tal-Appell tal-konvenuta wettaq żball ta' liġi kif ukoll wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni meta stabbilixxa li t-temperaturi tal-ittestajr indikati huma xierqa.

Ir-rikorrenti ssostni li l-Bord tal-Appell tal-konvenuta wettaq żball ta' liġi kif ukoll wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkonkluda li t-temperatura tal-ittestajr indikata għall-istudju OECD TG 308, jiġifieri 20 C, kienet xierqa. Il-Bord tal-Appell tal-konvenuta naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li t-twettiq tal-istudju bi temperatura ogħla kien ikollu impatt materjali fuq il-konċentrazzjonijiet ta' kwalunkwe trasformazzjoni u/jew prodotti ta' degradazzjoni ffurmati u, konsegwentement, fuqhom, jew kwalunkwe minnhom, ikunu għalhekk suġġetti għal evalwazzjoni persistenti, bijoakkumulattiva u tossika/persistenti ħafna u bijoakkumulattiva ħafna, li jippreġudika b'mod kritiku l-adegwatezza tal-istudju.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Marzu 2019 — Puma v EUIPO (SOFTFOAM)

(Kawża T-182/19)

(2019/C 172/56)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Puma SE (Herzogenaurach, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Schunke, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża: Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva SOFTFOAM — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 363 318

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Jannar 2019 fil-Każ R 1399/2018-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inklużi dawk fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2019– Aurea Biolabs v EUIPO — Avizel (AUREA BIOLABS)

(Kawża T-184/19)

(2019/C 172/57)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Aurea Biolabs Pte Ltd (Cochin, l-Indja) (rappreżentanti: B. Brandreth, QC u L. Oommen, Solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Avizel SA (Lussemburgu, il-Lussemburgu)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerai

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: l-applikazzjoni għat-trade mark figurattiva AUREA BIOLABS — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 836 737

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-29 ta' Jannar 2019 fil-Każ R 814/2018-2 (CORR)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tiddeċiedi dwar l-ispejjeż favur ir-rikorrenti.

Motivi invokati

— Insostenn tad-deċiżjoni tiegħu, il-Bord tal-Appell jinvolka dispożizzjoni invalida tal-liġi;